# ANNABEL U L-GOBON

Annabel kienet tghix go dar zghira fuq l-gholjiet ta' l-Iskozja flimkien mal-genituri taghha.

Huma baghtuha l-iskola tal-villagg biex titghallem, izda meta waset biex tmur l-iskola sekondarja missierha ma kellux flus biex ihallsilha u ghalhekk kuljum kien johodha mieghu r-razzett biex flimkien tghinu jiehu hsieb l-annimali.



Kienet tifla habrieka hafna, daqqa tnaddaf l-istallel fejn kienu jzommu l-baqar, ohra titma t-tigieg u tant u tant xoghlijiet ohra li kienu mehtiega biex tmexxi razzett hekk kbir li kellu missierha.

Imma l-aktar li kienet tiehu gost Annabel kiien il-mument li fih missierha kien jahdem il-gobon.

Annabel kienet thobbu hafna l-gobon. U jum wiehed talbet lil missierha biex jghallimha s-sengha ta' kif kien jipproduci l-gobon.

Missierha tbissem u wegibha: " Daz zgur li nurik u ghamel ftit ghalija wkoll."

"Ghalik naghmel l-ahjar u l-itjeb gobon fid-dinja, missier," tbissmet Annabel.

Bil-pacenzja kollha missierha wrieha l-metodu ta' kif isir il-gobon bil-qisien ezatti skont ir-ricetta.

Annabel interessat ruhha hafna u saret zaghzugha passjonata ghat-tisjir u dak kollu relatat mal-gobon. U ghalkemm ma kellhiex opportunita' tattendi l-iskola sekondarja, tghallmet dak kollu ta' htiega minn missieha u ommha.

Ghaddew is-snin u Annabel saret koka ta' fama u kienet taghmel u tahdem l-itjeb gobon fl-inhawi taghha, hekk li bosta hwienet kienu jfittxu li jakkwista l-prodotti taghha.

## TISHETX XORTIK, IZDA AGHMEL DAK KOLLU LI TISTA' MINN DAK LI GHANDEK